FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 09 TA' MARZU 2016

Il-Pulizija

Spettur Joseph Agius

vs

Jovin Karl Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 101388M talli;

1. fis-07/10/13 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer saq jew ghamel uzu minn mutur tal-marka Suzuki FR 80 li illum ghandu numru tar-registrazzjoni gdid DBX 992, minghajr ma kien illicenzjat mit-transport Malta jew mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex din jinstaq fit-triq;
2. talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari bi ksur tal-Artiklu 15 (1) A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta billi wahhal pjanca bin-numru tar-registrazzjoni FBH 387 li hija rregistrata fuq mutur Yamaha tar-fardal irregistrat f'isem Martin Zammit minn Haz-Zabbar;
4. minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummisarju tal-Pulizija, b'xi mod baghbas, nehha biddel, jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta' jew fuq vettura bil-mutur;
5. sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jinbiddlu;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l akkuzat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' mhux anqas minn 11 il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikolu 3 tal-Kap 104 u l-Artikolu 15 (1) A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tikkundannah multa ta' €2,300 li tithallas bil-€100 mensili mill-ahhar ta' April 2016. Kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal tmint ijiem.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat